# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

**ONOR. IMHALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-Tnejn 9 ta` Mejju 2022**

**Kawza Nru. 8**

**Rikors Nru: 123/2018ISB**

**L-Accountant General u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjieg**

**Vs**

**Master Builders Malta Ltd. (C-38756)**

**u b`digriet moghti fit-22 ta` Frar 2018 minflok "Master Builders Malta Ltd (C-38756)" dahlu l-kliem "Master Builders (Malta) Limited (C-15769)"**

**u b`digriet moghti fid-9 ta` April 2018 in-numru ta` registrazzjoni "C-15769" ghandu jaqra "C-15679"**

**u b`digriet moghti fid-9 ta` April 2018 Dr. Yanika Camilleri giet mahtura bhala kuratur ad litem tas-socjeta` intimata**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li permezz tieghu l-kumpannija **Master Builders Malta Ltd (C15679)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Settembru 2018, u fejn kien ordnat l-istralc taghha bil-hatriet u l-kundizzjonijiet hemmek maghmula.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta` stralc, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-istralcarju kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnhu mhejjija u ppresentati.

Rat l-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti giet informata illi l-unici kredituri li ghandha l-kumpannija xjolta huma l-Accountant General u l-Ministeru ghall-Edukazzjoni u kif ukoll l-istralcajru.

Rat ir-rikors tar-Ricevitur Ufficjali tal-11 ta' Novembru 2019 u s-sussegwenti digriet tas-16 ta' Dicembru 2019, minn fejn jirrizulta illi l-istralcarju gie awtorizzat illi jitrasferixxi proprjeta' immobbli lill-Gvern ta' Malta in sodisfazzjoni tal-krediti kollha.

Rat il-minuta a fol 438 pprezentata b'nota tal-istralcarju, li huwa kuntratt pubbliku li kellu jsir bejn l-istralcarju u l-Gvern ta' Malta kif awtorizzat mill-Qorti.

Rat il-verbal tat-22 ta' Settembru 2021 minn fejn jirrizulta illi l-Qorti giet mgharrfa illi l-kuntratt pubbliku hekk awtorizzat kien pubblikat.

Rat ir-rikors tar-Ricevitur Ufficjali tal-15 ta' Novembru 2021 u d-dikjarazzjoni tal-istess Ricevitur Ufficjali fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022 minn fejn jirrizulta illi t-talba hemmek maghmula hija limitata ghar-remunerazzjoni tal-ufficcju tieghu.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma issa stralcjati u jista' jinghalaq dan il-process u jinghata l-provvediment finali.



**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu filwaqt illi tiddikjara l-apprezzament taghha ghax-xoghol siewi tieghu biex inghalaq dan l-istralc, u ghal finijiet tar-remunerazzjoni tieghu, tiddikjara illi huwa ghandu jithallas is-somma ta' elfejn Euro (€2000), liema hlas ghandu jsir mir-rikorrenti.

2. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija **Master Builders Malta Ltd (C15679)** jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

4. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat' ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija **Master Builders Malta Ltd (C15679)**.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**